



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8518/18
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0088 (COD)

AGRILEG 66
DENLEG 33
MI 313
SAN 131
CONSOM 128
RECH 158

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2018) 97 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI Rapport fil-qosor Li jakkumpanja d-dokument REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002 [dwar il-liġi ġenerali dwar l-ikel], id-Direttiva 2001/18/KE [dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' OĠM], ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 [dwar ikel u għalf ĠM], ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 [dwar l-addittivi fl-għalf], ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 [dwar it-taħwir bl-affumikazzjoni], ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 [dwar il-materjali li jiġu f'kontatt mal-ikel], ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 [dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel], ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 [dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti] u r-Regolament (UE) Nru 2015/2283 [dwar ikel ġdid]

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2018) 97 final.

Mehmuż: SWD(2018) 97 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.4.2018
SWD(2018) 97 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Rapport fil-qosor

Li jakkumpanja d-dokument

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002 [dwar il-liġi ġenerali dwar l-ikel], id-Direttiva 2001/18/KE [dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' OĠM], ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 [dwar ikel u għalf ĠM], ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 [dwar l-addittivi fl-għalf], ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 [dwar it-taħwir bl-affumikazzjoni], ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 [dwar il-materjali li jiġu f'kontatt mal-ikel], ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 [dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel], ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 [dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti] u r-Regolament (UE) Nru 2015/2283 [dwar ikel ġdid]

{COM(2018) 179 final}

Rapport fil-qosor

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport ikopri l-feedback mingħand iċ-ċittadini u l-awtoritajiet nazzjonali, il-gruppi u l-organizzazzjonijiet (“il-partijiet ikkonċernati”) rigward l-inizjattiva għal proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina tal-ikel (“il-proposta tal-Kummissjoni”). Il-proposta tal-Kummissjoni tkun temenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002 li jistipula l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u jiddefinixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta’ sigurtà tal-ikel. Għal raġunijiet ta’ konsistenza, il-proposta tal-Kummissjoni tkun temenda wkoll leġislazzjoni alimentari settorjali oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni tibni fuq is-sejbiet tal-Kontroll tal-Idoneità dwar il-Liġi Ġenerali tal-Ikel¹ u ssegwi l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej “Projbizzjoni tal-glifosat biex b’hekk in-nies u l-ambjent ikunu protetti mill-pestiċidi tossiċi”².

Iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati kellhom l-opportunità li jipprovdu feedback dwar **pjan direzzjonali tal-Kummissjoni**³ mill-20 ta’ Diċembru 2017 sas-17 ta’ Jannar 2018. Il-feedback tressaq minn 20 parti kkonċernata (15-il assoċjazzjoni tal-kummerċ u tan-negozju, erba’ Organizzazzjonijiet mhux Governattivi (NGOs) u awtorità ta’ Stat Membru wieħed) u ċittadin wieħed.

Din kienet segwita minn **konsultazzjoni pubblika miftuħa** (OPC, open public consultation)⁴, immirata lejn iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati u miftuħa mit-23 ta’ Jannar 2018 sal-20 ta’ Marzu 2018. L-OPC rċeviet tweġibiet mingħand 471 parteċipant: 318-il ċittadin u 153 parti kkonċernata. 18-il parti kkonċernata pprovdew feedback dwar il-pjan direzzjonali wkoll.

Il-partijiet ikkonċernati li hađu sehem irrappreżentaw varjetà ta’ setturi: l-assoċjazzjonijiet tal-kummerċ u tan-negozju (39,22 %), il-kumpaniji u l-gruppi (14,38 %), l-NGOs (13,07 %), l-assoċjazzjonijiet professjonali (8,5 %), l-awtoritajiet nazzjonali/reġjonali (8,5 %), l-aġenziji governattivi (5,23 %), l-istituti ta’ riċerka (3,92 %), il-korpi pubbliċi (1,96 %), il-konsulenti professjonali (1,96 %), il-gruppi ta’ riflessjoni (1,31 %), id-ditti legali (0,65 %), l-istituzzjonijiet tal-UE (0,65 %) u oħrajn (0,65 %). Fir-rigward taċ-ċittadini li pparteċipaw, 318-il tweġiba waslu minn 26 Stat Membru, 10 ġew minn pajjiż tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles u ħamsa minn pajjiżi oħra mhux tal-UE.

Iċ-ċittadini evalwaw il-livell ta’ għarfien tagħhom tas-sistema ta’ valutazzjoni tal-UE għas-sigurtà tal-ikel u l-qafas regolatorju tagħha bħala tajjeb ħafna (22,64 %), tajjeb (33,65 %), suffiċjenti (26,42 %), ftit (14,78 %) jew xejn (2,52 %). L-organizzazzjonijiet evalwaw il-livell

¹ https://ec.europa.eu/food/safety/general_food_law/fitness_check_en

² https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/plant/docs/pesticides_glyphosate_eci_final.pdf

³ <http://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/initiatives/ares-2017-6265773>

⁴ https://ec.europa.eu/info/consultations/public-consultation-transparency-and-sustainability-eu-risk-assessment-food-chain_mt

ta' għarfien tagħhom bħala tajjeb ħafna (37,25 %), tajjeb (47,06 %), suffiċjenti (14,38 %), f'tit (0,65 %) jew xejn (0,65 %).

Saru wkoll konsultazzjonijiet immirati ma' gruppi ta' partijiet ikkonċernati speċifiċi. L-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE li jirrappreżentaw il-bdiewa, il-kooperattivi, l-industrija tal-ikel, il-bejjieġha bl-imnut, il-konsumaturi, il-professjonisti u s-soċjetà ċivili ġew ikkonsultati f'laqgħa tal-grupp ta' ħidma tal-**Grupp Konsultattiv dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u tal-Pjanti**⁵. Il-konsultazzjonijiet saru wkoll permezz tal-**Forum Konsultattiv tal-EFSA**⁶ (l-awtoritajiet nazzjonali tas-sigurtà fl-ikel) u l-**Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni tal-Liġi Ġenerali tal-Ikel**⁷ u l-**Kumitat Xjentifiku tal-EFSA**⁸.

Ġiet ikkunsidrata wkoll ittra mill-Ombudsman Ewropew lill-President tal-Kummissjoni Ewropea maħsuba biex tiżgura li l-mudell tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina tal-ikel ikun indipendenti, trasparenti u jippermetti l-involvement validu tal-partijiet ikkonċernati.

Il-feedback li waslet matul il-konsultazzjonijiet ma ġietx ikkunsidrata jekk tkun marret lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

2. TRASPARENZA TAL-ISTUDJI TAL-INDUSTRIJA

Iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati rrikonoxxew l-importanza tal-**aċċess pubbliku għall-istudji tal-industrija** li ntużaw mill-EFSA fil-valutazzjonijiet tar-riskju tagħha, bl-eċċezzjoni tas-sigriet kummerċjali u informazzjoni kunfidenzjali oħra, bħala element sinifikanti li jiżgura l-fiduċja fil-valutazzjoni tar-riskju tas-sigurtà tal-ikel tal-UE. L-OPC wriet li t-tali aċċess huwa importanti jew importanti ħafna f'86,8 % tat-tweġibiet taċ-ċittadini u fi 88,2 % tat-tweġibiet tal-partijiet ikkonċernati. L-informazzjoni li l-EFSA tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku dwar l-attivitajiet u l-kontributi tagħha tqieset ukoll bħala importanti ħafna.

Iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati sabu li l-**pubblikazzjoni tal-istudji tal-industrija**, li jinkludu d-data aggregata/mhux ipproċessata iżda li jeskludu s-sigriet tan-negozju jew informazzjoni kunfidenzjali oħra, ikollha impatt pożittiv jew pożittiv ħafna fuq:

- iż-żieda tat-trasparenza fis-sistema tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE: 87,4 % tat-tweġibiet taċ-ċittadini, 91,5 % tat-tweġibiet tal-partijiet ikkonċernati,
- it-tisħiħ tal-fiduċja tal-konsumaturi fis-sistema tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE: 84,9 % tat-tweġibiet taċ-ċittadini, 73,9 % tat-tweġibiet tal-partijiet ikkonċernati,
- il-possibbiltà ta' skrutinju minn partijiet xjentifiċi u terzi oħrajn: 81,8 % tat-tweġibiet taċ-ċittadini, 80,4 % tat-tweġibiet tal-partijiet ikkonċernati,
- it-tisħiħ tal-iskambju tal-informazzjoni dwar ir-riskju fost il-partijiet interessati: 81,5 % tat-tweġibiet taċ-ċittadini, 76,5 % tat-tweġibiet tal-partijiet ikkonċernati.

⁵ https://ec.europa.eu/food/expert-groups/ag-ap/adv-grp_fchaph/wg_2018_en

⁶ <https://www.efsa.europa.eu/en/events/event/180206>

⁷ https://ec.europa.eu/food/safety/general_food_law/expert_group_en

⁸ <https://www.efsa.europa.eu/sites/default/files/event/180214-m.pdf>

Billi l-konsumaturi b'mod ġenerali jista' ma jkollhomx għarfien xjentifiku biex jużaw dawn l-istudji, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur issuġġerew li l-fiduċja tkun tiddependi fuq fatturi oħra, eż. l-iskrutinju tal-istudji minn partijiet terzi.

Fir-rigward tal-**impatt tal-pubblikazzjoni tal-istudji tal-industrija**, 42,1 % tat-tweġibiet miċ-ċittadini u 21,6 % tat-tweġibiet mill-partijiet ikkonċernati jiddikjaraw li huwa importanti jew importanti ħafna **għall-kompetittività**; 56,3 % tat-tweġibiet taċ-ċittadini u 31,4 % tat-tweġibiet tal-partijiet ikkonċernati jiddikjaraw li huwa pożittiv jew pożittiv ħafna **għall-innovazzjoni**. Barra minn hekk, madwar 35 % tat-tweġibiet tal-partijiet ikkonċernati, f'dan il-każ l-aktar l-organizzazzjonijiet tal-industrija, jiddikjaraw li l-pubblikazzjoni tal-istudji tal-industrija se tkun negattiva jew negattiva ħafna kemm għall-kompetittività kif ukoll għall-promozzjoni tal-innovazzjoni. L-organizzazzjonijiet tal-industrija kkummentaw li hemm riskju li d-data ppubblikata tintuża ħażin.

Kien hemm fehmiet differenti dwar **iż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' partijiet mhux kunfidenzjali** tal-istudji tal-industrija tul il-proċess kollu tal-valutazzjoni tar-riskju u l-**impatt fuq it-trasparenza**. Fost iċ-ċittadini, 58,8 % qiesu li l-pubblikazzjoni immedjata mingħajr verifiki ta' kunfidenzjalità jkollha impatt pożittiv jew pożittiv ħafna, 6,9 % iqisu li din ma jkollha l-ebda impatt u 28,9 % qiesu li l-impatt ikun negattiv jew negattiv ħafna. It-tweġibiet dwar ix-xenarji l-oħra relatati maż-żmien tal-pubblikazzjoni ma jurux polarizzazzjoni qawwija ta' opinjonijiet, bl-eċċezzjoni tal-għażla li ma jiġux ippubblikati l-istudji tal-industrija: 77,1 % taċ-ċittadini jiddikjaraw li din se jkollha impatt negattiv jew negattiv ħafna, b' 4,1 % biss iqisu li se jkollha impatt pożittiv jew pożittiv ħafna. Għall-partijiet ikkonċernati, 71,9 % jemmnu li n-nuqqas ta' publikazzjoni tal-istudji tal-industrija jkollu impatt negattiv jew negattiv ħafna u 1,3 % biss qiesu li dan ikollu impatt pożittiv.

B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija jiddikjaraw li ż-żmien tal-pubblikazzjoni jista' jkollu **impatt negattiv jew negattiv ħafna fuq il-kompetittività**, b'mod partikolari jekk il-pubblikazzjoni sseħħ kmieni fil-proċess ta' valutazzjoni. Il-partijiet ikkonċernati saħqu wkoll fuq il-ħtieġa li jiġi evitat l-użu inġust ta' data kummerċjali. Xi kummenti mingħand l-awtoritajiet tal-Istati Membri jirriflettu dwar il-ħtieġa li jiġi speċifikat x'jenħtieġ li jitqies bħala kunfidenzjali f'leġiżlazzjoni. L-NGOs ikkummentaw dwar il-ħtieġa li tiġi rieżaminata l-validità tad-dikjarazzjonijiet ta' kunfidenzjalità magħmula fir-rigward tal-istudji tal-industrija.

Kemm it-tweġibiet taċ-ċittadini kif ukoll dawk tal-partijiet ikkonċernati wrew li reġistru miftuħ tal-istudji, l-użu ta' formati li jistgħu jinqraw minn magna u li jkun hemm livelli differenti ta' aċċess għall-istudji, ikunu għodod utli jew utli ħafna. Fir-rigward tal-istabbiliment ta' reġistru tal-istudji tal-industrija, prinċipalment l-awtoritajiet tal-Istati Membri saħqu fuq l-isfidi rigward l-applikabbiltà barra mill-UE. Xi awtoritajiet tal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati tal-industrija qiesu li dan jista' jkollu impatt negattiv fuq l-innovazzjoni tal-UE.

3. EVIDENZA MILL-ISTUDJI TAL-INDUSTRIJA

Il-biċċa l-kbira taċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati qiesu bħala importanti jew importanti ħafna **l-elementi fis-seħħ bħalissa** biex jiġi żgurat li l-istudji pprovduti mill-industrija huma robusti biżżejjed biex iservu l-ħtiġijiet ta' valutazzjoni tar-riskju tal-EFSA.

B'mod ġenerali, iċ-ċittadini qiesu li **l-miżuri kollha addizzjonali rigward l-istudji tal-industrija** proposti fl-OPC jikkontribwixxu ftit jew wisq għat-tisħiħ tal-valutazzjonijiet tar-riskju tal-EFSA; aktar minn 75 % tat-tweġibiet rigward il-miżuri uniċi irrikonoxxew dan. Għalkemm, b'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati wrew fehmiet simili, xi wħud qiesu li ċerti miżuri għandhom livelli differenti ta' importanza. B'mod partikolari, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija qiesu ftit jew wisq bħala siewja l-possibbiltà li jingħata parir qabel is-sottomissjoni lill-applikanti individwali, filwaqt li l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u xi NGOs oħra qiesu li din ma tikkontribwixxix ħafna. Dawn tal-aħħar saħqu wkoll fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-indipendenza tal-proċessi xjentifiċi tal-EFSA. Xi Stati Membri raw valur limitat potenzjali għir tal-parir qabel is-sottomissjoni b'rabta mal-analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji tiegħu.

83,7 % tat-tweġibiet taċ-ċittadini u 63,4 % tat-tweġibiet tal-partijiet ikkonċernati ddikjaraw li **l-integrazzjoni tal-istudji tal-industrija mal-istudji ta' verifika** jsaħħu, ftit jew wisq, il-valutazzjoni tar-riskju tal-EFSA. Fir-rigward tal-finanzjament ta' dawn l-istudji ta' verifika, perċentwal għir kemm taċ-ċittadini kif ukoll tal-partijiet ikkonċernati qiesu li l-kostijiet jenħteġ li jkunu koperti mill-applikant individwali kkonċernat. L-għażliet ta' finanzjament l-oħra proposti, jiġifieri l-baġit tal-UE, il-finanzjament komuni mill-applikanti kollha tal-industrija jew taħlita ta' finanzjament pubbliku u tal-industrija, tqiesu bħala rilevanti minn 32,1 %, 27 % u 25,2 % taċ-ċittadini, rispettivament. Għar-rispondenti mill-grupp ta' partijiet ikkonċernati, dawn il-perċentwali kienu 47,7 %, 21,6 % u 9,2 %, rispettivament.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-potenzjal li **tissaħħaħ is-sistema ta' verifika użata għal-laboratorji** li jwettqu l-istudji tal-industrija, il-maġġoranza taċ-ċittadini (78,3 % tar-rispondenti) u tal-partijiet ikkonċernati (72,6 % tar-rispondenti) ikkunsidraw li dan ikun jikkontribwixxi xi ftit jew wisq għat-tisħiħ tal-valutazzjonijiet tar-riskju tal-EFSA. Xi Stati Membri esprimew riżervi dwar il-valur miżjud potenzjali ta' din il-miżura.

Kemm iċ-ċittadini kif ukoll il-partijiet ikkonċernati qiesu li **l-allokazzjoni ta' aktar riżorsi pubbliċi biex jiffinanzjaw l-istudji dwar is-sigurtà tal-ikel**, hija importanti għat-tisħiħ tal-valutazzjoni tar-riskju tal-EFSA: madwar 80 % tat-tweġibiet taċ-ċittadini jiddikjaraw li l-finanzjament nazzjonali jew tal-UE jista' xi ftit jew wisq jikkontribwixxi; iċ-ċifra għall-partijiet ikkonċernati hija kemxejn aktar baxxa. Xi NGOs u l-Kumitat Xjentifiku tal-EFSA appoġġaw il-valur miżjud ta' aktar riżorsi pubbliċi ddedikati għall-istudji dwar is-sigurtà tal-ikel.

Id-diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati enfasizzaw il-potenzjal li jiġu stabbiliti proċeduri għal konsultazzjonijiet miftuħa dwar id-data relatata mal-istudji sottomessi mill-industrija bħala parti mid-dossiers ta' awtorizzazzjoni. Għalkemm din ġeneralment intlaqgħet b'mod favorevoli, xi awtoritajiet tal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati tal-industrija semmew l-impatt negattiv potenzjali fuq it-tul tal-proċessi tal-valutazzjoni tar-riskju tal-EFSA. Dawn tal-aħħar saħqu fuq l-impatt negattiv potenzjali fuq il-kompetittività u l-innovazzjoni, b'mod

partikolari fuq sustanzi ġodda minħabba r-riskji relatati mal-użu inġust potenzjali ta' data divulgata u t-tħassib dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.

4. KOMUNIKAZZJONI TAR-RISKJU

B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonsultati kollha rrikonoxxew il-valur tal-azzjonijiet maħsuba biex itejbu l-komunikazzjoni tar-riskju.

FI-OPC, iktar minn terz ta' ċittadini jqisu li **l-komunikazzjoni tar-riskju eżistenti** ma tikkontribwixxix ħafna jew ma tikkontribwixxi xejn biex tiġi ġġenerata fiduċja fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE fil-katina tal-ikel. Il-**miżuri ġodda kollha proposti** bl-għan li jsaħħu potenzjalment il-konsistenza ta' komunikazzjoni tar-riskju ġew ikkunsidrati mill-biċċa l-kbira tar-rispondenti miż-żewġ gruppi bħala effettivi jew effettivi ħafna (bejn 61,4 % u 92,2 % tat-tweġibiet). Hemm eċċezzjoni f'dan ir-rigward fil-grupp tal-partijiet ikkonċernati li wieġbu: xi NGOs (23,5 % tat-tweġibiet mill-partijiet ikkonċernati) ma jqisux li l-inklużjoni ta' prinċipji ġenerali tal-komunikazzjoni tar-riskju fil-leġislazzjoni tkun effettiva ħafna.

Xi ċittadini enfasizzaw il-ħtieġa li tiġi evitata l-kumplessità u/jew il-konfużjoni fil-komunikazzjoni tar-riskju, u rrakkomandaw biex din issir aktar ċara u sempliċi. L-organizzazzjonijiet tal-konsumatur ikkummentaw dwar il-ħtieġa li jiġu spjegati b'mod ċar l-għażliet politiċi magħmula u li jitjieb l-involvement tal-Istati Membri fil-komunikazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri rrikonoxxew il-ħtieġa għal aktar koordinazzjoni fost l-atturi kollha.

5. SOSTENIBBILTÀ TAS-SISTEMA TAL-VALUTAZZJONI TAR-RISKJU U INVOLVIMENT TAL-ISTATI MEMBRI

Instab li **l-għodod disponibbli bħalissa** biex jappoġġaw il-kooperazzjoni xjentifika bejn l-EFSA u l-Istati Membri b'mod sinifikanti diġà jinvolvu lill-Istati Membri fis-sistema ta' valutazzjoni tar-riskju tal-UE: aktar minn 70 % tar-rispondenti (kemm il-grupp ta' ċittadini kif ukoll tal-partijiet ikkonċernati) qiesu li l-għodod kollha deskritti xi ftit jew wisq jikkontribwixxu.

Aktar minn 40 % tat-tweġibiet ta' ċittadini ma qablux jew ma qablux bis-sħiħ mad-dikjarazzjoni li tissuġġerixxi li **l-Istati Membri jkunu involuti biżżejjed fil-ħidma tal-EFSA**. Kien hemm reazzjoni simili mill-grupp tal-partijiet ikkonċernati. Barra minn hekk, kemm iċ-ċittadini (75,2 %) kif ukoll il-partijiet ikkonċernati (79,7 %) jaqblu jew jaqblu bis-sħiħ li l-kostijiet tal-kontribut xjentifiku mill-korpi nazzjonali għall-ħidmiet tal-EFSA jenħtieġ li jiġu kkompensati b'mod adegwat. Il-biċċa l-kbira tar-rispondenti (aktar minn 75 % kemm fil-grupp ta' ċittadini kif ukoll f'dak tal-partijiet ikkonċernati) qablu jew qablu bis-sħiħ li l-involvement akbar tal-Istati Membri huwa importanti biex jiġi żgurat li l-EFSA jkollha grupp kbir ta' esperti mill-Istati Membri. L-awtoritajiet tal-Istati Membri saħqu fuq l-importanza tal-inċentivi meta tiġi promossa l-kooperazzjoni. Xi Stati Membri, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija, l-NGOs inklużi l-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur, u l-Kumitat Xjentifiku tal-EFSA saħqu li l-kooperazzjoni mal-Istati Membri trid tirrispetta l-indipendenza tal-esperti fil-kontribut tagħhom għall-EFSA u s-separazzjoni bejn il-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju.

Fir-rigward tar-**rappreżentanza tal-Istati Membri fil-Bord tat-Tmexxija tal-EFSA**, 57,5 % taċ-ċittadini u 53,6 % tal-partijiet ikkonċernati qablu jew qablu bis-sħiġ. Madankollu, 27,7 % tat-tweġibiet taċ-ċittadini u 26,1 % tat-tweġibiet tal-partijiet ikkonċernati ma jaqblux jew ma jaqblux bis-sħiġ ma' din id-dikjarazzjoni. Xi ċittadini u partijiet ikkonċernati (inklużi l-awtoritajiet tal-Istati Membri) saħqu fuq il-ħtieġa ta' separazzjoni ċara bejn il-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju, u ssuġġerew li jkun hemm ukoll rappreżentanza minn gruppi oħra ta' partijiet ikkonċernati. L-awtoritajiet tal-Istati Membri qiesu wkoll l-importanza li jiġu ddefiniti b'mod ċar ir-rwoli għall-Bord tat-Tmexxija biex tiġi evitata d-duplikazzjoni mal-Forum Konsultattiv tal-EFSA.

L-elementi bħalma hija l-possibbiltà għall-EFSA li tagħżel esperti eċċellenti u indipendenti minn grupp kbir ta' kandidati, kif ukoll l-indipendenza tagħha mill-amministraturi tar-riskju (il-Kummissjoni u l-Istati Membri) u mill-industrija, tqiesu minn aktar minn 80 % tar-rispondenti kemm fil-grupp taċ-ċittadini kif ukoll f'dak tal-partijiet ikkonċernati, bħala siewja jew siewja ħafna. Il-possibbiltà li jintgħażlu esperti eċċellenti u indipendenti minn grupp kbir ta' kandidati kienet oġġla, b'96,2 % tat-tweġibiet taċ-ċittadini u 98,7 % tat-tweġibiet tal-partijiet ikkonċernati jqisuha utli jew utli ħafna. Li jiġu evitati diverġenzi xjentifiċi bejn il-livelli tal-UE u dawk nazzjonali kien meqjus bħala utli jew utli ħafna minn 72,3 % tar-rispondenti mill-grupp taċ-ċittadini; dan huwa ekwivalenti għal 79,1 % għall-grupp tal-partijiet ikkonċernati. Aktar minn 75 % tar-rispondenti miż-żewġ gruppi qiesu bħala utli jew utli ħafna li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-valutazzjonijiet tar-riskju bejn il-livelli tal-UE u dawk nazzjonali, u li jiġi żgurat livell xieraq ta' riżorsi għall-EFSA.

Xi awtoritajiet tal-Istati Membri saħqu fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ tajjeb bejn il-politiki ta' indipendenza tal-EFSA u r-rabtiet tagħha mal-eċċellenza xjentifika, u l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati inċentivi biex jiġi stimolat il-kontribut tal-esperti tal-Istati Membri għall-ħidma tal-EFSA, inklużi l-elementi finanzjarji u mhux finanzjarji.

6. KONKLUŻJONIJIET

B'mod ġenerali, fit-tweġibiet tagħhom, iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati esprimew l-importanza tal-elementi indirizzati mill-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tittejjeb il-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina tal-ikel. Huma enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-proposta tal-Kummissjoni ssaħħaħ dawn l-elementi filwaqt li tħares il-prinċipji li fuqhom hija bbażata s-sistema tas-sigurtà tal-ikel tal-UE.

Il-kontributi għall-konsultazzjonijiet differenti wrew il-ħtieġa li waqt li tkun qed titħejja l-proposta tal-Kummissjoni, **jittqies dan li ġej:**

- Aktar ma jkun kmieni l-aċċess għall-istudji tal-industrija fil-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju, aktar ikollu impatt fuq it-trasparenza.
- Is-salvagwardja tal-kunfidenzjalità u tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali hija fundamentali sabiex jiġu evitati l-ostakli għall-innovazzjoni u għall-kompetittività.
- Id-dettalji dwar liema informazzjoni mill-istudji tal-industrija tista' tiġi ddikjarata bħala kunfidenzjali jridu jkunu ċari, u d-dikjarazzjonijiet relatati jridu jiġu vvalutati fil-fond.

- Il-bżonn ta' proċessi ta' verifika proporzjonati dwar il-kwalità tal-istudji tal-industrija fir-rigward tal-konformità mal-istandards rilevanti.
- Il-valur potenzjali tal-parir tal-EFSA qabel is-sottomissjoni lill-applikanti tal-industrija filwaqt li tiġi rrispettata b'mod sħiħ l-indipendenza tal-proċessi xjentifiċi.
- Id-disponibbiltà ta' aktar riżorsi pubbliċi biex jiffinanzjaw l-istudji dwar is-sigurtà tal-ikel.
- Il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-impatti negattivi potenzjali tal-konsultazzjonijiet dwar l-istudji ppreżentati fuq it-tul tal-proċessi ta' valutazzjoni. Il-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni ta' data kunfidenzjali u ta' data personali.
- Il-komunikazzjoni tar-riskju dwar is-sigurtà tal-ikel tista' tkompli tissaħħaħ permezz tat-titjib tal-koordinazzjoni u tal-involvement tal-partijiet ikkonċernati rilevanti.
- L-involvement ulterjuri tal-awtoritajiet tal-Istati Membri fl-attivitajiet tal-EFSA jrid jissokta sabiex tiġi żgurata s-separazzjoni bejn il-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju.
- L-indipendenza xjentifika u l-eċċellenza tal-esperti huma s-sisien tas-sistema ta' valutazzjoni tar-riskju tal-UE.
- Jenħtieġu inċentivi adegwati sabiex jiġi żgurat li l-EFSA tikseb l-għarfien espert li għandha bżonn mingħand l-Istati Membri.